MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 210/1973/1

**Luigi Portelli**

**-vs-**

**Avv. Dr Lino Agius Prokuratur Legali Joseph Busuttil nominati b'digriet tat-12 ta' Marzu 1973, bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Winston Carbone fil-kwalita' tiegħu ta' *Managing Director* tas-soċjeta' Parklane Investments Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ppreżentata fit-3 t' Awissu 1999 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Mejju 1973, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet il-kawża fl-ismijiet premessi, u ordnat li l-att relattiv tar-rexxissjoni tal-konċessjoni enfitewtika fl-atti tan-Nutar Dr George Bonello

Du Puis tas-16 ta' Lulju 1969, u ir-restituzzjoni tal-*art de quo* mis-soċjeta' enfitewta lill-attur *dominus*, ikun ippubblikat min-Nutar Alexander Sciberras Trigona, fl-edifizju tal-Qorti, fit-8 ta' Gunju 1973, fit-3:00 p.m, u nnominat lill-Avukat Alberto Magri biex jidher ghall-kontumaċi.

2. Illi l-att ordnat mill-Onorabbli Qorti ma ġiex ippubblikat għal raġunijiet imprevisti u imprevedibbli.

3. Illi r-rikorrenti għandhom interess li l-att in kwisjtoni ikun ippubblikat.

4. Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna li l-atti in kwistjoni ikun ippubblikat min-Nutar imsemmi, u għal dan l-iskop, tiffissa l-lok, il-jum, u l-ħin tal-pubblikazzjoni, u taħtar persuna sabiex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-atti msemmin;

Salv direttivi oħra li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' konvenuta Park Lane Investments, ppreżentata fis-17 ta' Jannar 2000, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi s-sentenza tal-24 ta' Mejju 1973 fil-kawża fl-ismijiet premessi ma jkunx ġust li tiġi eżegwita in konfront mis-soċjeta' intimate *stante* li l-proċedura bil-kuraturi kif jirriżulta mill-istess sentenza ma ġietx segwita u s-soċjeta' intimata qatt ma ġiet nnotifikata skond il-liġi bl-atti kif titlob l-istess liġi.

2. Illi għalhekk is-sentenza fuq imsemmija m'għandhiex tifforma stat in konfront tas-soċjeta' intimata għax għandha l-istess soċjeta' intimata jkollha l-opportunita' biex tiddefendi lilha nnifsha u tkun infurmata mill-kuraturi li kien hemm kawża kontra tagħha.

3. Illi a tenur tal-Artikolu 283A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni tal-Proċedura Ċivili m'hemmx raġuni valida skond il-liġi biex din is-sentenza tiġi eżegwita imma

għandha s-soċjeta' intimata d-dritt biex tannulla tali sentenza peress li din m'għandhiex tifforma stat mill-konfront tagħha *stante* liema ma ġewx segwiti l-prinċipji bażilari ta' ġustizzja naturali, u ċjoe' ta' *audi alteram partem* peress li s-soċjeta' konvenuta qatt ma kienet taf b'dawn il-proċeduri u saret taf bihom 27 sena wara meta hija tablet lil Luigi Portelli biex jiżgombra mil-fond in kwistjoni peress li kien qed iżommu bla titolu.

4. Illi *inoltre* s-soċjeta' konvenuta tul iż-żmien ħarġet diversi ipoteki fuq l-art in kwistjoni kemm in konfront u a favur il-Bank of Valletta plc kif ukoll a favor ta' George Zammit.

5. Illi kieku din is-sentenza kellha tiġi rreġistrata fir-Reġistru Pubbliku kif qed jippretendi li jsir ir-rikorrenti, it-terzi, u ċjoe' l-kredituri ipotekarji se jiġu preġudikati fid-drittijiet tagħhom kif naxxenti min-noti tal-ipoteki mir-Reġistru Pubbliku li jiġu eżebiti waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

6. Illi mill-fatti speċi ta' dan ir-rikors, jirriżulta illi dan ir-rikors ġie ntavolat wara il-preżentata taċ-ċitazzjoni nru. 205/99 RCP fl-ismijiet **"Park Lane Investments Ltd vs Luigi u Pauline konjugi Portelli"** illi hija appuntata għas-smiegħ għas-seduta tat-18 ta' Frar 2000.

7. Illi barra minn hekk b'ittra uffiċjali tal-4 ta' April 1998, Park Lane Investments Ltd., intimat lil Luigi Portelli bil-pretenzjoni tagħha pero' xorta waħda ma rrispondiex għat-talba tagħha u għalhekk in-nuqqas tiegħu iż-żmien ma jistax ikun ta' preġudizzju kemm lis-soċjeta' intimata kif ukoll lit-terzi kredituri ippotekarji u għalhekk it-talba ta' rikorrenti għall-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija, għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra tiegħu għal raġunijiet fuq esposti.

Rat id-diversi verbali li minnhom jirriżulta li din il-kawża kienet tistenna l-eżitu tal-kawża istitwita mis-soċjeta' intimata kontra l-attur odjern, liema kawża ġiet deċiża mill-

Qorti tal-Appell favur l-istess attur odjern permezz tas-sentenza mogħtija fit-30 ta’ Lulju 2010;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif huwa ċar l-attur qed jitlob l-awtorizżazzjoni tal-Qorti biex tiġi esegwita s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta’ Mejju 1973. Il kawża odjerna ġiet istitiwta fl-1999 iżda minħabba l-fatt li kif ġia ingħad kellha tiġi deċiża l-ewwel il-kawża li s-soċjeta Park Lane Investments istitwiet biex jiġi ddikjarat li dik is-sentenza ma kienitx tikkostitwixxi stat fil-konfront tagħha, kellhom jgħaddu aktar minn għaxar snin oħra biex il-Qorti tkun f’pożizzjoni illi tippronunzja s-sentenza.

Illi huwa allura ċar illi ladarba l-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza ta’ din il-Qorti fis-sens illi s-sentenza tal-1973 fil-fatt tikkostitwixxi stat fil-konfront tas-soċjeta’ intimata, l-ewwel tlett eċċezzjonijiet u s-sitt eċċezzjoni tagħha f’din il-kawża huma għal kollox infondati u se jiġu miċħuda.

Illi fir-rigward tal-eċċezzjonijiet l-oħra, dawn bażikament jgħidu li fiż-żmien li għadda ġew iskritti diversi ipoteki kontra s-soċjeta’ Park Lane Investments u allura jekk it-talba attriċi tiġi milqugħa se jiġu preġudikati l-kredituri ipotekarji relattivi. Dan huwa għal kollox irrilevanti f’din il-kawża u fuq kollox sta għal dawk il-kredituri biex fi proċeduri oħra jħarsu d-drittijiet jew il-krediti tagħhom. Għalhekk anke dawn l-eċċezzjonijiet se jiġu miċħuda.

Illi l-Qorti għalhekk se tilqa’ t-talbiet attriċi; peress li n-Nutar nominat mill-ewwel sentenza illum hu defunt il-Qorti se tinnomina Nutar ieħor u se tibdel ukoll il-kuratur biex jirrapreżenta l-kontumaċji peress illi illum dak nominat oriġinarjament huwa membru tal-Ġudikatura.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta’ konvenuta u tilqa’ t-talbiet attriċi, u tinnomina lin-**

**Nutar Ritienne Bugeja Fenech biex jippubblika l-att relattiv, liema att għandu jiġi pubblikat fl-edifiċju tal-Qorti nhar il-15 ta' Diċembru 2010 f'nofsinhar. Il-Qorti tinnomina wkoll lill-Avukat Dottor Chairmaine Galea biex tirrapreżenta l-eventwali kontumaċja.**

**L-ispejjeż tal-kawza jkunu a kariku tas-soċjeta' intimata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------